MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2016

Rikors Maħluf Numru 185/2016LM

**Elza Kulieva, detentriċi tal-Passaport Russu 72 650 1848, Dimitri Perfilev detentur tal-Karta tal-Identità Ġermaniża bin-numru L3GC19L0N u Victoria Makoeva, Detentriċi tal-Passasport Russu bin-numru 727422850**

**vs.**

**Boarding School (Malta) Ltd. (C 22600)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-7 ta' Marzu, 2016 mill-atturi **Elza Kulieva, Dimitri Perfilev, u Victoria Makoeva,** (minn issa 'l quddiem "l-atturi") li jgħid

hekk:

*Illi s-soċjetà intimata, rappreżentata minn Evgueni Bodichtianou u Snejana Bodichtianou, topera skola bl-isem ta' RBSM International Boarding School għal studenti ta' nazzjonalità Russa u/jew li jitkellmu bir-Russu f'Malta. Di fatti s-soċjetà topera skejjel fil-livell primarju u kemm sekondarju għal diversi studenti;*

*Illi r-rikorrenti jibagħtu lit-tlett itfal rispettivi tagħhom fl-iskola mmexxija mis-soċjetà intimata. Sabiex jagħmlu dan kienu ħallsu miżata bil-quddiem rappreżentanti s-servizzi edukattivi sabiex jassiguraw li t-tfal ikomplu jirċievu l-edukazzjoni tagħhom mill-istess skola waqt li qegħdin Malta. Di fatti, r-rikorrenti ħallsu l-miżata għat-tfal tagħhom mis-sena elfejn u erbatax (2014) sas-sena elfejn u sbatax (2017) u dan kif jidher mill-Parental Agreement bla data, iffirmat mid-Direttur tas-soċjetà intimata Evgeni Bodishtianu, li kien jorbot lis-soċjetà intimata tipprovdi servizzi edukattivi sal-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017). Kopja ta' tali ftehim ġie anness u mmarkat bħala "**Dok KPM 1**";*

*Illi f'Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016), is-soċjetà intimata bagħtet messaġġ lir-rikorrenti u lill-ġenituri kollha li jibagħtu lit-tfal tagħhom fl-iskola biex jinfurmawhom illi l-iskola kienet ser tagħlaq u għaldaqstant is-soċjetà intimata ma setgħetx tkompli tipprovdi s-servizzi edukattivi lit-tfal tagħhom;*

*Illi din is-sitwazzjoni ħolqot problemi serji lir-rikorrenti u minkejja diversi tentattivi sabiex jingħataw spjegazzjoni wara tali deċiżjoni, ir-rikorrenti kienu kostretti jfittxu istituzzjonijiet edukattivi diversi għat-tfal tagħhom tant li kellhom jirritornaw lura r-Russja għaliex ma sabux skola hawn Malta li setgħet toffri l-istess kurrikulu u takkomoda lit-tfal tagħhom f'nofs is-sena skolastika;*

*Illi kif jirriżulta mill-ittra mibgħuta da parti tar-rappreżentant tas-soċjetà intimata, bl-isem ta' Evgeni Bodishtianu, l-istess soċjetà*

*intimata tirrikonoxxi d-debitu dovut lir-rikorrenti fl-ammont ta' tlieta u għoxrin elf erba mija u tnax-il euro u sittin ċenteżmu (€23,412.60) lir-rikorrenti Elza Kulieva u Dimitri Perfilev kif ukoll li l-ammont dovut lir-rikorrenti Victoria Makoeva fis-somma ta' tliet elef u erba mija ħamsa u disgħin euro (€3,495.00). Kopja ta' l-ittri li ngħataw lir-rikorrenti qedgħdin ġew annessi u mmarkati bħala "**Dok KPM 2**" u "**Dok KPM 3**" rispettivament. Illi l-ammonti ndikati huma dovuti fl-intier tagħhom.*

*Illi fl-ittri msemmija l-imsemmi Evgeni Bodishtianu ressaq proposta ta' ħlas entru terminu tal-25 ta' Diċembru 2016, liema proposta hija inaċċettabbli stante li r-rikorrenti qed jesiġu r-rifużjoni immedjata tal-flejjes dovuti għal ksur tal-obbligi kontrattwali da parti tas-soċjetà intimata.*

*Illi tenut kont tal-aġir tad-Diretturi tas-soċjetà intimata li baqgħu jirċievu flejjes sostanzjali sa ġurnata qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni li tingħalaq l-iskola, ir-rikorrenti huma konvinti li l-proposta mressqa da parti tas-soċjetà intimata għall-ħlas msemmi mhu xejn għajr manuvra f'mala fede sabiex dina tilħaq tisvesti ruħha mill-assi appartjenenti u sabiex id-Diretturi tagħha jitilqu mill-pajjiż.*

*Illi r-rikorrenti ttentataw b'kull mod li jikkomunikaw mas-soċjetà intimata sabiex issir rifużjoni immedjata, anke permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 113/16, liema kopja ta' tali ittra uffiċjali ġiet annessa u mmarkata bħala "**Dok KPM 4**", iżda din tal-aħħar baqgħet inadempjenti bil-konsegwenza li r-rikorrenti ma kellhom ebda triq għajr li jintavolaw l-proċeduri odjerni.*

*Illi għal raġunijiet suesposti r-rikorrenti qegħdin jinsistu li s-soċjetà intimata għandha tħallashom b'mod immedjat s-somma sitta u għoxrin elf disa' mija u seba' euro u sittin ċenteżmu (€26,907.60) inkwantu għall-ammont ta' tlieta u għoxrin elf erba' mija u tnax-il euro u sittin ċenteżmu (€23,412.60) lir-rikorrenti Elza Kulieva u Dimitri Perfilev u l-ammont ta' tlett elef u erba mija ħamsa u disgħin euro (€3,495.00) lir-rikorrenti Victoria Makoeva, rappreżentanti rifużjoni miżati u spejjeż*

*oħrajn mħallsin mir-rikorrenti.*

*Illi fil-fehma tal-atturi, is-soċjetà intimata m'għandha l-ebda eċċezzjonijiet x'tagħti għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti u b'hekk jeżistu ċ-ċirkostanzi kkontemplati fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ.*

*Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment mir-rikorrenti.*

*Għaldaqstant, jgħid il-konvenut, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddeċiedi din il-kawża skont it-talbiet segwenti, bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara illi s-soċjetà intimata għandha tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitta u għoxrin elf disa' mija u seba' euro u sittin ċenteżmu (€26,907.60) inkwantu għall-ammont ta' tlieta u għoxrin elf erba' mija u tnax-il euro u sittin ċenteżmu (€23,412.60) lir-rikorrenti Elza Kulieva u Dimitri Perfilev u l-ammont ta' tlett elef u erba mija ħamsa u disgħin euro (€3,495.00) lir-rikorrenti Victoria Makoeva, inkluż l-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali bin-numru 113/16;*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti (recte) is-somma ta' sitta u għoxrin elf disa' mija u seba' euro u sittin ċenteżmu (€26,907.60) in kwantu għall-ammont ta' tlieta u għoxrin elf erba' mija u tnax-il euro u sittin ċenteżmu (€23,412.60) lir-rikorrenti Elza Kulieva u Dimitri Perfilev u l-ammont ta' tlett elef u erba mija ħamsa u disgħin euro (€3,495.00) lir-rikorrenti Victoria Makoeva, rappreżentanti rifużjoni tal-miżati u spejjeż oħrajn mħallsin mir-rikorrenti inkluż l-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali bin-numru 113/16.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti mill-atturi.[1]

Rat in-nota ta' ammissjoni ppreżentata mis-soċjetà konvenuta **Boarding School (Malta) Ltd. (C 22600)** (a fol. 22) u moqrija waqt l-udjenza tat-28 ta' April, 2016, fejn is-soċjetà konvenuta ammettiet t-talbiet attrici kif dedotti fir-Rikors Maħluf fl-intier tagħhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' April, 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

**<u>Decide</u>**

**Fl-ammissjoni tas-soċjetà konvenuta:**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

---

[1] B'Digriet tal-25 ta' Mejju 2016 a tenur tal-Artikolu 825(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġie miżjud dan il-paragrafu li ġej:

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April, 2016 fejn Dr Andrew Grima għall-atturi qabel li jirtira l-paragrafu 7 tar-Rikors Maħluf mill-kliem 'Illi tenut kont tal-aġir tad-Diretturi' sa 'jitilqu mill-pajjiż'.

**2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta għandha tħallas lill-atturi s-somma ta' sitta u għoxrin elf, disa' mija u seba' euro u sittin ċenteżmu (€26,907.60), inkwantu għall-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, erba' mija u tnax-il euro u sittin ċenteżmu (€23,412.60) lill-atturi Elza Kulieva u Dimitri Perfilev u inkawantu għall-ammont ta' tlett elef, erba' mija u ħamsa u disgħin euro (€3,495.00) lill-attriċi Victoria Makoeva, inkluż l-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali bin-numru 113/16;**

**3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lill-atturi is-somma ta' sitta u għoxrin elf disa' mija u seba' euro u sittin ċenteżmu (€26,907.60), inkwantu għall-ammont ta' tlieta u għoxrin elf, erba' mija u tnax-il euro u sittin ċenteżmu (€23,412.60) lill-atturi Elza Kulieva u Dimitri Perfilev u inkwantu għall-ammont ta' tlett elef, erba' mija u ħamsa u disgħin euro (€3,495.00) lill-attriċi Victoria Makoeva, rappreżentanti rifużjoni tal-miżati u spejjeż oħrajn mħallsin mill-atturi lis-soċjetà konvenuta, inkluż l-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali bin-numru 113/16;**

**Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija

-------------------TMIEM--------------------